TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 206/15-F

Mary Anne Buhagiar
Vs
Jat Abo Assaf

Illum, 24 ta' Frar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Ottubru, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta'elf u tmiem mitt Ewro (€1800) rappreżentati flus li ħallset lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid fid-dar tagħha.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li nnota li l-intimat ma attendiex għas-seduta minkejja li kien notifikat u l-anqas issottometta risposta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ħallset l-ammont ta' elf u tmiem mitt Ewro (€1800) sabiex l-intimat jagħmel xogħol ta' tibjid u tikħil fid-dar tagħha u kif ukoll jixtri l-materjal meħtieġ. Dan ix-xogħol pero' l-anqas qatt ma nbeda.

**It- Tribunal jinnota:**

In-nuqqas ta' attendenza u n-nuqqas tar-risposta min-naħa ta' l-intimat u qiegħed jikkonferma u jaċċetta l-verżjoni tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi li jikkundanna l-intimat jħallas l-ammont ta'elf u tmiem mitt Ewro (€1800) bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**